# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' t-3 ta' Novembru 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Emanuel Barbara**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Emanuel Barbara** ta' tmienja u erbghin (48) sena bin il-mejtin Michael Barbara u Slavina neè Barbara, imwieled iz-Zejtun fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disgha u sittin (1969) u residenti 83B, Triq tal-Borg, Paola, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 44769M, talli fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sbatax (2017) għall-ħabta tal-erbgha nieqsin kwart ta' wara nofs inhar u / jew hinijiet, xhur u zminijiet ta' qabel jew wara gewwa r-residenza 83B, Triq tal-Borg, Paola u / f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkaguna biza' fuq il-persuna tal-mara tieghu Susan Barbara li ser tintuza vjolenza kontiha jew kontra l-proprjetà ta' xi had mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (B) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Susan Barbara ingurji jew theddid u jekk kien provokat, hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kodici Kiminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kiriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' that xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. U aktar talli fl-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi fil-fond 83B, Triq tal-Borg, Paola, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' susan Barbara mobbli jew immobbli liema dannu ma jkunx jiskorri elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) rispettivament u dan bi ksur tal-Artikoli 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali (Kap 9).

6. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser ordni ta' protezzjoni fil-kontront ta' Susan Barbara moghtija nhar is-27 ta' Novembru 2017 mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Emanuel Barabara inghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest nhar is-27 ta' Novembru 2017 mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D. u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll

tordna li s-somma bhala depozitu u garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' malta kif stipulate fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntlabet ukoll, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurtà, ta' Susan Barbara u jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti u dan skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti ntalbet, jekk jidhrilha xieraq, minhabba ragunijiet motivate, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza Susan Barbara jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju je wimgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat, u dan skont l-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti ntalbet biex titratta mal-Imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif pruvat fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-10 ta' Lulju 2018 moghti skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta)[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

[1] A fol. 8
[2] A fol. 74

Rat id-dikjarazzjoni tal-accettazzjoni tal-Imputat li din il-qorti tinbidel ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-proceduri jitkomplew sommarjament.[3]

Semghet lil Spettur Hubert Cini, PC 1011 Bryden Desira, Susan Barbara, PS 1257 Conrad Ellul prodotti mill-Prosekuzzjoni. Id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella bhala xhud lil WPC 291 Amanda Dimech neè Azzopardi stante li l-involviment kien biss li ttajpjat ir-rapport tal-Pulizija (a. fol. 8).

Rat id-dokumentazzjoni kollha b'mod partikolari r-rapport tal-incident, l-istqarrija tal-Imputat u l-fedina penali tal-Imputat.[4]

Rat li l-Imputat iwiegeb mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[5]

L-Imputat ghazel li ma jixhidx.

IKKUNSIDRAT:

Xehdet Susan Barbara li qalet li l-Imputat jigi zewgha u indikat lil din l-Onrabbli Qorti li ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' zewgha[6]

Decide:

Ghal dawn il-motivi, din l-Onorabbli Qorti rat l-imputazzjonijiet, rat l-Artikoli kollha nnumerati, rat il-provi kollha u rrizultalha li l-grad ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali ma ntlahaqx specjalment meta hadet konsiderazzjoni li lpkwerelanta, Susan Barabara ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha. Ghalhekk qieghda tillibera lill-Imputat minn kull akkuza.

---

[3] A fol. 77
[4] A fol. 8 sa 29
[5] A fol. 30
[6] A fol. 55 sa fol. 57

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**